**10 ta' Ottubru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C. B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Antonio Bartolo

*versus*

Pawlu Vella

**Servitù Personali — Dritt ta' Obligazzjoni — Sieqja — Tolleranza — *Danni* — *Ilma.***

*Hu risaput universalment u komunement f'dawn il-Gżejjer illi, anki fil-każ ta' raba' bi qbiela, soltu jsir bejn id-diversi gabillotti ta' apprezzamenti diversi ftehim li jirregola s-servizz ta' dan ir-raba' għal dak li jeħtieġ. Aktar ma jkun estiż ir-raba' mqabbel lid-diversi gabillotti, sija jekk ikun tal-Gvern, kemm jekk ikun tal-Mensa, kemm jekk ikun tal-privat, aktar ikunu komplikati dawn is-serviġi regolati b'dan il-ftehim, speċjalment f'dawk li jissejħu territorji tal-fewdi, jew primoġenituri. U kien ikun gwaj kbir kieku il-Qrati kellhom jidd skonoxxu dan il-ftehim sempliċement għax il-gabillotti li għamluh ma humiex is-sidien tar-raba', bla ma tiġi provvduta teorija legali li tissanzjonah u tipproteġieh; u għalhekk il-Qrati minn żmien irrikonoxxew il-validità ta' ftehim simili.*

*Għall-validità ta' ftehim simili ma teħtieġx l-iskrittura; għax il-ftehim ikun jirrigwarda l-"Jus Conductionis". B'mod li ma jistgħax wieħed mill-gabillotti jsostni li ma kienx hemm, meta ma humiex sidien tar-raba' li jkun involut, kostituzzjoni ta' ġeneru speċjali ta' servitù tutelabbli, u li, minflok, din tkun sempliċi att ta' tolleranza; inveċe hu veru li hu validu ftehim simili, anki verbali bejn gabillotti mhux sidien, li bih joħolqu servizz, jew obligazzjoni personali, jew stat ta' fatt, fir-rapporti bejn xulxin dwar raba' u raba' minnhom detenut in konduzzjoni; u tema ftehim hu tutelabbli fil-possessorju.*

*U ftehim simili ma jippreġudikax lis-sid; għaliex servizz jew*

*obligazzjoni simili "non inhaeret praedio" u "non ambulat cum dominio".*

*Konsegwentement, jekk bejn gabillotti konduttturi ta' diversi appezzamenti ta' raba' jsir ftehim dwar kif għandha tittqiegħed sieqja biex tirregola d-distribuzzjoni tal-ilma, u wieħed mill-gabillotti, bi vjolazzjoni ta' dak il-ftehim, jagħlaq is-sieqja, huwa responsabbli għad-danni li dik il-vjolazzjoni ta' ftehim tarreka lil gabillott ieħor.*

*Jekk dan il-ftehim huwiex vinkolanti b'mod li xi wieħed mill-gabillotti jista' jitterminah bi pre-avviż, hija kwistjoni oħra, li l-Qorti tal-Ewwel Istanza f'din il-kawża qatgħet fis-sens li l-gabillott ma kienx marbut b'dak il-ftehim għal dejjem, imma li kien responsabbli għad-danni għax ma tax pre-avviż li kien ser jagħlaq is-sieqja, jew aħjar li ma pruvax biżżejjed li huwa ta dan il-pre-avviż; imma l-Qorti tal-Appell dehrilha li ma kienx neċessarju li tidħol fil-kwistjoni jekk dan il-ftehim kienx vinkolanti talment li ma setgħax jiġi rexiss bi pre-avviż adegwat u fi żmien utili, għaliex mill-provi dan il-pre-avviż adegwat u fi żmien utili ma kienx hemm.*

*L-allegazzjoni tal-gabillott konvenut għad-danni għax għalaq is-sieqja, fis-sens illi l-ħsarat lamentati mill-gabillott attur kienu jiġru xorta waħda anki kieku s-sieqda kienet miftuħa, u kienet tiġri bħala "vis major" minħabba temporal li għamel, ma hix f'lokha fil-ġudizzju għad-deklaratorja tar-responsabilità għad-danni. Imma tkun f'lokha fil-ġudizzju ulterjuri tal-aċċertament tad-danni; fejn il-gabillott konvenut u ritenut responsabbli għad-danni jista', mingħajr ma hu prekluż bid-deklaratorja tar-responsabilità, jipprova, jekk ikun il-każ, li dannu bħala effett tal-vjolazzjoni minnu kommessa ma kienx hemm.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li jippremetti illi l-konvenut għalaq sieqja eżistenti fir-raba' "tas-Summar" li jinsab il-Pwales, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, sieqja li kienet saret bi ftehim bejn il-gabillotti kollha ta' dak ir-raba' u tar-raba'

viċin imsejjaħ "Il-Għelieqi", li parti minn dan ir-raba' *mqabbel għand l-attur; u illi huwa, imħabba l-vjolazzjoni* ta' dan il-ftehim da parti tal-konvenut, sofra danni kif likwidati mill-perit espert Emmanuele Magro, inkarigat minnu; jitlob illi, wara li tiġi magħmula kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-danni li huwa sofra; u konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat iħallsu £18.5.0, jew kwalunkwe somma verjuri, akbar jew iżgħar, għad-danni li huwa sofra fil-prodott tiegħu a kaġun u ħtija tal-konvenut. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk *tal-protest tat-12 ta' Marzu 1953, kontra l-konvenut;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi illi s-sieqja in kwistjoni qatt ma ġiet kostitwita bħala servitù, iżda ġiet permessa bħala sempliċi tolleranza bejn gabillotti; illi l-attur ġie avżat mis-sena l-oħra, per mezz ta' Giuseppe Vella, ħuħ, li dik is-sieqja ma kellhiex titkompla; illi għalhekk huwa mhuwiex responsabbli ta' ebda danni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Marzu 1958, li biha ddikjarat li l-konvenut hu responsabbli għad-danni li l-attur seta' sofra għall-motivi msemmija, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, barra dawk tal-intervenuta fil-kawża Anna Cuschieri, li jibqgħu a karigu tagħha; u nnominat, biex jillikwida l-imsemmija danni, bi spejjeż provviżorjament tal-attur, lill-Avukat Dr. Joseph Desira Butigieg, bl-assistenza tal-espert agronomu Salvatore Vella, bil-fakoltajiet kollha soliti, fosthom dik li jisma x-xhieda u li jissomministralhom il-ġurament skond il-liġi; spejjeż riżervati; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi jirriżulta li l-attur u l-konvenut huma gabillotti tar-raba' msejjaħ "Il-Għelieqi" u "tas-Simar", li qiegħed il-Pwales, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar. Kif ġie konstatat fl-aċċess fuq imsemmi, adoperat minn dik il-Qorti, bejn il-fondi tal-kontendenti hemm sqaq wiesgħa xi sebgħa piedi, li mat-tul tiegħu hemm xi sebgħa konki li jidhru żdingati, u li qegħdin quddiem xulxin f'kull naħa taż-żewġ ħitan ta' dan l-isqaq. Bejn l-istess biċċiet għelieqi u f'parti

ta' waħda minnhom, ċjoè fil-ħajt tas-sejjiegħ tal-għalqa detenuta mill-attur, hemm sieqja li tispiċċa f'qangħa, wiesgħa xi żewġ piedi u tliet pulzieri, u kważi quddiem din il-qangħa, u fil-ħajt tal-għalqa detenuta mill-konvenut, hemm qangħa oħra ta' daqs kważi l-istess bħal l-oħra li ssemmiet. Il-punt fejn jinsabu dawn. iż-żewġ qangħiet hu l-aktar wieħed baxx tal-isqaq fuq iż-żewġ naħiet. Fil-punt fejn jinsabu dawn il-qagħniet l-isqaq kien għola milli hu l-lum, u l-qagħniet, għalkemm kienu jeżistu, kienu iċken milli huma l-lum. Qabel ma saret dik is-sieqja fir-raba' tal-attur, l-ilma kien joħroġ mill-qonji li hemm fil-ħajt tal-fond detenut minnu, jaqsam l-isqaq, u jgħaddi għall-qonji li hemm fil-ħajt tal-fond detenut mill-konvenut, għalkemm in parti kien ukoll jgħaddi mill-isqaq, jimxi mal-ħajt, u jdur, dejjem mal-ħajt, għal barra. Is-sieqja ġa msemmija qegħdha fil-bidu tal-ħajt qabel ma jintlaħaq l-isqaq, u tispiċċa malli tibda l-għalqa tal-konvenut; tidher li saret għall-iskular tal-ilma; u kienet tibda mill-qangħa fil-ħajt tar-raba' tal-konvenut. Il-qonji ż-żgħar tal-isqaq huma, u jidhru li ilhom, magħluqin; għaliex il-materjal tal-art hu ogħla mit-toqob tagħhom, u ħadd mill-kontendenti, u lanqas il-gabillotti l-oħra, ma kien ifittixhom biex minnhom jgħaddi l-ilma, billi kien hemm is-sieqja msemmija. Ġie pruvat li din is-sieqja ġiet magħluqa mill-konvenut f'Marzu 1951;

Illi din is-sieqja, kif xehdet Giuseppa Fenech, saret xi għoxrin sena ilu bi ftehim bejn il-gabillotti kollha, fosthom il-konvenut Pawlu Vella, biex l-ilma ma jinxteridx mal-għelieqi kollha, imma jinġabar f'post wieħed. L-istess konvenut ma jinnegax dan il-ftehim, imma jissottometti li b'dak il-ftehim huwa ma ta ebda dritt lil ħadd, imma biss ippermetta li ssir is-sieqja bħala sempliċi tolleranza, u għalhekk huwa kien jista' f'kull żmien iwaqqaf dak il-ftehim;

Ma jistgħax jingħad li b'dak il-ftehim il-konvenut intrabat li jżomm għal dejjem dik is-sieqja, u fid-dubju għandu pjuttost jintħaseb li bl-imsemmi ftehim il-konvenut ried biss jagħti fakoltà li ssir dik is-sieqja; però, jekk huwa deherlu li ma kellux ikompli dak il-ftehim, huwa

kellu jagħti pre-avviż fi żmien utili lill-gabillotti, fosthom l-attur, li magħhom ftiehem, li kien sejjer jagħlaq is-sieqja, biex huma jovvjaw għal kull dannu li setgħu jaħsbu li kien sejjer jidderivalhom b'dak l-għeluq. Il-konvenut jallega li ta dan l-avviż lill-attur per mezz ta' ħuħ Giuseppe Vella; imma din l-allegazzjoni ma ġietx pruvata. Infatti,...;

Illi minn dan isegwi li l-konvenut hu responsabbli għad-danni li l-attur seta' sofra billi huwa kiser il-ftehim li kien għamel u kisru mingħajr ma qabel ta lill-attur avviż fi żmien utili;

Rat fol. 123 in-nota tal-appell tal-konvenut Giuseppe Vella nomine, u fol. 124 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata fil-kapi deċiżi, barra l-kap fejn l-ispejjeż ta' Anna Cuschieri ġew deċiżi a karigu tagħha, u li kwindi għandu jiġi konfermat; billi jiġi deċiż għar-riġett tad-domandi miġjuba fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi, din il-Qorti hi soddisfatta li għall-ewwel, ċjoè il-fuq minn għoxrin sena ilu, l-ilma tax-xita sovrabbondanti tar-raba' tal-attur u tar-raba' mqabbel lil ħaddieħor fuq ir-rieħ, kien jiskariga ruħu billi joħroġ minn diversi qagħniet li kien hemm fil-ħajt tas-sejjiegħ tannaħa tar-raba' tal-attur, jittraversa l-isqaq tal-Gvern, frammezzat bejn ir-raba' tal-attur u r-raba' tal-konvenut, u jgħaddi minn qagħniet oħra korrispondenti fil-ħajt tar-raba' tal-konvenut, jimxi mal-ħajt, u jdur, dejjem mal-ħajt, għal barra, u jispiċċa fil-baħar. Dawn il-qagħniet żdingaw ruħhom, u l-lum jinsabu miżdudin. Ir-raġuni kienet li, żmien ilu, il-fuq minn għoxrin sena, l-iskarigu tal-ilma ġie dixxiplinat xort'oħra. Fir-raba' tal-attur saret sieqja u toqba kbira; liema toqba kienet tirċievi l-ilma kollu tar-raba' tal-attur, li qabel kien jgħaddi mit-toqob ossija qagħniet li ssemmew. Aktarx, anzi, li din is-sieqja ma kienetx tibda mir-raba' tal-attur, imma minn raba'

ieħor, aktar fuq ir-rieħ, li kien jaqsam it-trieq tal-Miżieb. Fl-istess ħin saret ukoll, fir-raba' tal-konvenut, qangħa jew toqba kbira, u sieqja b'mod li l-ilma mir-raba' tal-attur, ċjoè dak miġbur fis-sieqja li hekk kienet saret, beda jiskariga ruħu fis-sieqja tar-raba' tal-konvenut;

Għalhekk, is-sieqja tal-fond tal-attur bdiet tagħmel il-funzjoni ta' dak li teknikament, "in subjecta materia", jissejjaħ "canale raccoglitore"; u s-sieqja fil-fond tal-konvenut bdiet isservi bħala "canale di scarico" (ara Dionisetti, Servitù delle Acque, ediz. 1872, p. 234); u hekk ġie provvdut għall-ilma "aċċidentali", ċjoè pluvjali sovrabbondanti fiż-żmien li jissejjaħ "tempo di piena";

Il-provi juri li dan kollu sar bħala "modus vivendi" approvat mill-interessati, ċjoè bi ftehim komuni. Tant jirriżulta mix-xhieda, fost oħrajn, ta' Anni Cuschieri fol. 40 et seq., Giuseppe Fenech fol. 43, Carmela Fenech fol. 44 et seq., Gio Maria Agius fol. 104 u 105, valjata d-depożizzjoni ta' x'uħud minn dawn ix-xhieda, in kwantu jgħidu dak li kienu jisimgħu minn axxendenti tagħhom il-lum mejta, in bażi għall-art. 598 Kap. 15 Ediz. Riv.; u wkoll mix-xhieda pożittiva tas-settantenni Giuseppa Fenech fol. 61 et. seq.

Għall-piż tal-provi jikkontribwixxi wkoll l-istat ta' fatt, li juri li, minn żmien, il-qagħniet l-oħra jinsabu miżdudin; kif tikkontribwixxi wkoll iċ-ċirkustanza li, għal żmien mhux indifferenti ta' snin sħaħ, l-iskarigu tal-ilma, tajjeb jew ħażin, sar mhux aktar per mezz tal-qagħniet l-antiki, imma taż-żewġ qagħniet ġodda fl-aktar punt baxx tal-isqaq, u li kien biss fl-1953, ċjoè meta nqala' dan l-inċident, li l-qangħa minn naħa tar-raba' tal-konvenut instabet miżduda. Dan jittrapela wkoll mill-istess xhieda tal-konvenut odjern, Giuseppe Vella, fol. 71 et seq., li, milli jidher, tardivament beda jipperswadi ruħu li jkun aħjar li l-ilma jinfirex mas-sebgħa qangħiet antiki milli li jinġabar fis-sieqja ta' fuq ir-rieħ u mbgħad jgħaddi mill-unika qangħa ġdida;

Ikkunsidrat;

Il-gravam tal-appellant, kif deher anki mill-argumenti fit-trattazzjoni, jikkomprendi wkoll iż-żewġ punti li (1) dan kien, se maj, sempliċi att *ta' tolleranza*, għax bejn gabil'otti, mhux sidien, ma hemmx servitù, u (2) li, ankorkè kien hemm xi ftehim vinkolanti, hu ta pre-avviż lillołrajn qabel ma għalaq il-qangħa fil-ħajt tar-raba' tiegħu;

Dwar l-ewwel punt;

Hu paċifiku bejn il-kontendenti li dan ir-raba', li jidħol fil-vertenza preżenti, ma hux ta' proprjetà tal-kontendenti, *iżda hu għandhom* "bi qbiela";

Issa, hu risaput universalment u komunement f'dawn il-Gżejjer li, anki fil-każ ta' raba' bi qbiela, soltu jsir bejn id-diversi gabillotti ta' appezzamenti diversi ftehim li jirregola s-servizz ta' dan ir-raba' għal dak li jeħtieġ; per eżempju, mogħdijiet bir-riġel, bil-karru jew bil-bhima, anki biex jiġi talvolta faċilitat l-iskariku tal-letame, jew faċilitata l-karikazzjoni tal-prodott, l-allokazzjoni tal-ilma missienja komuni, il-mod kif dan għandu jiġi kondott jew devjat għall-okkorrenza, u servizzi simili. Aktar ma jkun estiż ir-raba' mqabbel lil diversi gabillotti, sija jekk ikun tal-Gvern, jew tal-Mensa (ossija tal-Isqof jew tal-Knisja, kif jingħad), jew, kif ukoll jingħad, "tas-Sinjur", aktar ikunu komplikati dawn is-serviġi regolati b'dan il-ftehim, speċjalment f'dawk li kienu jissejħu territorji tal-fewdi, jew primoġenituri. U kien ikun gwaj kbir kieku l-Qrati kellhom jiddiskonoxxu dan il-ftehim sempliċement għax il-gabillotti li jagħmluh ma humiex is-sidien tar-raba', bla ma tiġi provvduta teorija legali li tissanzjonah u tipproteġieh. Kien għalhekk li l-Qrati Tagħna minn żmien irrikonoxxew il-legalità ta' ftehim simili;

Safejn setgħet tindaga l-Qorti, l-ewwel darba li fissentenzi stampati ntużat il-kelma "servizio", f'każ fejn servitù vera u proprja ma setgħax ikun hemm, kienet in re "Axisa vs. Mangion", 17 ta' Marzu 1873, Vol. I, p. 473, 475. Fil-kawża "Catania vs. Huber nomine", 10 ta' Diċembru 1924 (Vol. XXV-II-629-631), issemmiet ukoll il-kelma "servizio", fis-sens li ntqal, fuq l-awtorità tal-Baudry, li

dan is-"servizio" seta' jkun jew servitù predjali vera u proprja, jew servitù personali, jew "un diritto di obbligazione". Fil-kawża "Galea utrinque", 29. XI. 1948, Vol. XXXIII, p. 361, fis-sentenza tal-Ewwel Qorti l-ftehim dwar passaġġ f'raba' bejn gabillotti ġie msejjaħ "obligazzjoni personali", u din il-Qorti sejħitlu "modus vivendi" stabbilit bejn il-gabillotti (p. 362-364). Fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Frar 1921 (Vol. XXIV, p. 658), ġie rikonoxxut bħala validu ftehim bejn il-gabillotti dwar passaġġ, bħala "stat ta' fatt" li għalieh ikunu aderew l-interessati, ċjoè id-detenturi tar-raba' nvolut, u bħala tutelabbli bl-azzjoni possessorja. Fil-kawża "Cortis vs. Sammut", 21 ta' April 1947, Vol. XXXIII-I-55, il-Qorti tal-Ewwel Istanza kienet ukoll semmiet dan l-istat ta' fatt uranġamenti li jsiru bi ftehim dwar din il-materja ta' servizzi bejn raba' u ieħor, u ttutelatu, billi laqgħet l-istanza possessorja proposta; u s-sentenza ta' din il-Qorti rrikonoxxiet dan il-"quasi possesso". Fis-sentenza tal-Ewwel Qorti ingħad ukoll li ftehim simili ma għandux jiġi konfuż ma' att ta' tolleranza, kif ġie anki konfermat minn din il-Qorti;

Għall-validità ta' ftehim simili ma teħtieġx l-iskrittura; għax il-ftehim ikun jirrigwarda il-"jus conductionis" (Kollez. Vol. XXXVI-I-289). Kosikkê ma għandux ikun hemm, meta ma humiex sidien tar-raba' li jkun involut, kostituzzjoni ta' ġeneru speċjali ta' servitù tutelabbli, u li, minflok, din tkun sempliċi att ta' tolleranza; mentri hu veru li hu validu ftehim anki verbali bejn gabillotti mhux sidien, li bih joħolqu servizz, jew obligazzjoni personali, jew stat ta' fatt, fir-rapporti bejn xulxin dwar raba' u raba' minnhom detenut in konduzzjoni; liema ftehim hu tutelabbli fil-possessorju;

Ftehim simili ma jippreġudikax lis-sid; għaliex servizz jew obligazzjoni simili "non inhaeret praedio", u "non ambulat cum dominio";

Ikkunsidrat, dwar it-tieni punt;

L-appellant qiegħed isostni wkoll li, anki fl-ipotesi ta' ftehim vinkolanti, hu ta pre-avviż lill-attur, u b'hekk dak il-ftehim jew stat ta' fatt spiċċa;

Din il-Qorti ma tħossx in-neċessità li tidħol fil-kwistjoni jekk dan il-ftehim kienx jew le vinkolanti talment li ma setgħax jiġi rexiss bi *pre-avviż adegwat u fi żmien* utili; u dan għaliex, anki kieku kellha tiġi ipotizzata l-ipotesi li seta' jiġi hekk rexiss, f'dan il-każ din il-Qorti, bħal dik tal-Ewwel Istanza, hi soddisfatta mill-provi li dan il-pre-avviż adegwat u fi żmien utili ma kienx hemm; u konsegwentement il-konvenut (salva dejjem, "uti infra", il-kwistjoni tal-"an" u tal-"quantum") hu responsabbli;

Ikkunsidrat;

Fil-kors tax-xhieda tiegħu *quddiem din il-Qorti l-appel*lant qal, fol. 138 tergo, li fis-sena li għaliha l-attur qiegħed jitlob id-danni, anki kieku l-qangħa kienet miftuħa, il-ħsara kienet tiġri l-istess bħala "vis major";

Għalhekk għandu jiġi kunsidrat ukoll dan il-gravam;

Dan il-gravam jirriżolvi ruħu filli wieħed isostni li ħsara bl-għeluq ta' dik il-qangħa ma saritx, għaliex, il-ħsara kienet *issir, u saret ugwalment*, bit-temporal;

Issa, din l-indaġini ma hix f'lokha f'dan l-istadju, imma fl-istadju ulterjuri tal-aċċertament tad-danni. Infatti, hu komunement ritenut li s-sempliċi deklaratorja ta' responsabilità ma tfisserx u ma ġġibx li xi dannu bilfors kien hemm; ta' dak id-dannu għad irid isir l-aċċertament, u l-aċċertament ikopri, l-ewwel, il-pont tal-eżistenza jew le tad-dannu, mbagħad, se maj, il-pont tal-"quantum". Jista' jkun hemm każijiet li fihom, sabiex tista' ssir id-*deklaratorja tad-danni, ikun jeħtieġ li ssir* xi *prova* "prima facie" li xi dannu kien hemm, bħal meta l-att allegat produttiv ta' dannu kien per sè att oġġettivament innokwu, u biss minħabba ċirkustanzi speċjali pproduċa dannu; imma meta l-att per sè jkun potenzjalment produttiv ta' dannu kif inhu l-għeluq ta' toqba ta' skariku ta' ilma in vjolazjoni ta' ftehim, lanqas hemm bżonn, għad-deklaratorja ta' responsabilità, dan il-"fumus" ta' prova. Għalhekk, l-appellant ma hux prekluż, bid-deklaratorja ta' responsabilità, li jipprova, jekk ikun il-każ, li dannu bħala effett

tal-għeluq ta' dik il-qangħa ma kienx hemm (ara, għall-prinċipji hekk enunċjati, Kollez. XXIX-II-331-340; u awtoritajiet hemm ċitati; u Coen, voce Danni, para. 1468, 1469, 1475, 1479);

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma waqfitx fuq id-deklaratorja tad-danni u mbgħad iddifferiet il-kawża in atteża ta' appell fuq dak il-kap, jew tal-eżitu tagħha, imma għaddiet għan-nomina ta' periti sabiex "jillikwidaw id-danni" — ħaġa, s'intendi, li setgħet tagħmel. Biss hu spedjenti, in vista' ta' dak li ngħad, li jiġi xi ftit modifikat l-inkariku, sabiex jiġu evitati ekwivoċi; liema inkariku hu konċepit sa issa bil-kliem "sabiex jillikwidaw l-insemmija danni";

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, is-sentenza appellata; b'dan li l-inkariku mogħti lill-periti (bi spejjeż provviżorjament tal-attur) għandu jitqies dak li jaċċertaw l-eżistenza jew le tad-danni bħala effett tal-għeluq tal-qangħa, u f'każ affermattiv jillikwidawh;

Il-kap tal-ispejjeż, tal-ewwel u tat-tieni istanza, jibqa' riżervat għas-sentenza finali fil-meritu;

U tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Qorti.